**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Marzu, 2023**

**Mandat Nru: 117/2023/1 AF**

**Raymond Coppini, Antonia Teresa sive Anthese Galea, Carmen Eynaud, Mary Dolores sive Dorienne Grixti, Joseph Coppini, aħwa Coppini ulied il-mejjet Joseph Coppini; u Maria Zammit, Michael Schembri Wismayer u Joanna Schembri Wismayer, aħwa Schembri Wismayer ulied il-mejta Marcelle Schembri Wismayer bint oħra tal-istess Joseph Coppini; (K.I 4053M, 603844M, 632145M, 842047M, 280251M, 97274M, 349983M u 189571M, rispettivament**

**Mary-Anna Wirth u Noel sive Emanuel Wirth, aħwa ulied il-mejta Rose Wirth; u Mark Cassar u Christianne Borg, aħwa ulied il-mejta Valerie Cassar bint oħra tal-mejta Rose Wirth;**

**Yolanda Grixti eredi tal-mejta Nellie Formosa;**

**John Coppini u Adrian Coppini ulied il-mejjet Lewis Coppini;**

**Elizabeth Attard, Maġistrat Dottor Paul Coppini, Martin Coppini, Anna Maria sive Anne Marie Coppini, Jeanette Grech, Moira Grixti, Rita Taylor-East aħwa ulied il-mejjet Joseph sive Joey Coppini; u Thomas Dennis Philip Van Schayik, Alicia Julia Maria Van Schayik, aħwa ulied il-mejta Bernardette sive Bernice Coppini (miżżewġa Van Schayik) bint oħra tal-istess Joseph Coppini – KI 130251M, 717662M, 578683M, 429478M, 42466M, 362960M, 227056M, 507658M, 780354M, 734960M, 77967M, 210766M, 102165M, 403252M, 142608L, 142708L, rispettivament**

**vs**

**It-Tabib Dr David Coppini – KI 434163M**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Raymond Coppini et li permezz tiegħu din il-Qorti ntalbet iżżomm lil David Coppini milli:

> *"Personalment jew permezz ta' terzi jwettaq xi xogħlijiet ta' taħmil jew tqattigħ ta' blat kwalsiasi, jew kostruzzjoni ta' kwalsiasi sura fuq il-porzjon art tal-kejl ta' ċirka mitejn ħamsa u tletin metru kwadru (235m.k) magħrufa bħala "Ta' Wara l-Knisja" f'San Ġiljan, Triq Forrest, San Ġiljan li tinsab murija aħjar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument A."*

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' David Coppini u d-dokumenti annessi magħha.

Semgħet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li tħalla sabiex jiġi degretat in camera.

Rat l-Art. 873 u l-ġurisprudenza relatata.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti żżomm lill-intimat milli jiżviluppa proprjeta` li jsostnu li huma jgawdu fuqha titolu ta’ utile dominju temporanju. Huma jressqu in sostenn tat-talba tagħhom diversi dokumenti fosthom kuntratti ta’ diviżjoni u testmenti. L-intimat min-naħa tiegħu essenzjalment jilqa’ għat-talba billi jiddikjara li r-rikorrenti setgħu aġixxew qabel u dan m’għamluhx. Huwa jgħid li r-rikorrenti ilhom snin jafu li huwa ġie rikonoxxut bħala utilista mill-uffiċċju konġunt iżda naqsu illi jirreaġixxu għal dan.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax tinjora d-dikjarazzjoni konġunta magħmula lid-Direttur tal-Uffiċċju konġunt, u li fuqha deher l-istess intimat ghan-nom tal-eredi ta’ Giovanni Coppini, fejn ġie rikonoxxut l-iżball fil-qasma taċ-ċens temporanju.

Fid-dawl tal-fuq espost b’rispett għall-prinċipju mħaddan mill-ġurisprudenza illi l-eżami li tagħmel il-Qorti għandu jkun ristrett għal dak li jidher mad-daqqa t’għajn, din il-Qorti tqis ġustifikata t-talba għall-ħruġ tal-mandat kif mitlub. Il-mertu in funditus jibqa’ riżervat għal dik il-Qorti addetta sabiex tisma’ l-kawża fil-mertu.

Għaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ definittivament it-talba kif kontenuta fir-rikors tal-24 ta’ Jannar 2023 u tordna l-ħruġ tal-mandat kif mitlub.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati ghall-ġudizzju finali.

IMĦALLEF